MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 314/2008

**Marie Louise Perici Calashione**

**Vs**

**Joseph Perici Calascione**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fl-14 ta` April, 2008 fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` €3,494.06c rapprezentanti arrettrati ta` manteniment dovuta a tenur ta` kuntratt ta` separazzjoni datat 10 ta` Lulju, tas-sena 2003 u dana ghal perjodi ndikati fl-istess avviz u cioe` bejn Gunju, tas-sena 2004 sa Dicembru, 2004, Jannar, 2005 sa Novembru, 2005 u minn Jannar, 2006 u ghax-xhur ta` Gunju, 2007 u Awissu, 2007 u kif ukoll l-ammont mitlub li jirrapprezenta s-sehem ta` l-istess konvenut ghall-ispejjez edukattivi ghal dawn l-ahhar 12 il-xahar.

Bl-ispejjez ta` din l-istanza u kif ukoll ta` l-ittra ufficcjali datata 27 ta` Novembru, 2007 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 12 ta` Dicembru, 2008 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi qed jallega li ma ghandu jaghti xejn ossija ma ghandux jaghti l-flus kif allegat mill-attrici oltre minhekk afferma illi huwa kien hallas aktar minn dak li kellu jhallas tul is-snin u ghalhekk ma ghandux jirrizulta li huwa debitur ta` l-attrici.

Ra l-verbali tas-seduti fosthom dawk fejn jirreferu ghal fatt illi l-konvenut u l-avukat difensur tieghu naqsu li jidhru ghall-istess seduti u kif ukoll naqsu li jressqu l-provi taghhom in sostenn ta` l-kontestazzjoni minnhom sollevata.

Ra fil-fatt illi ghalkemm il-konvenut inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq provi in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu huwa naqas li jaghmel dan u ghalhekk dan it-Tribunal ghadda ghal din is-sentenza in segwitu ghal verbal illi huwa kien ta fis-seduta tas-6 ta` Jannar, 2009.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti mill-attrici u cioe` mill-affidavit ta` l-istess attrici, liema affidavit kien gie pprezentat fis-seduta tas-6 ta` Jannar, 2009, mill-liema affidavit hemm rendikont dettaljat ta` kif l-attrici waslet ghal figura li qed titlob fil-kawza odjerna.

Ra wkoll il-kuntratt ta` separazzjoni li gie ezebit fl-istess seduta minn fejn jirrizulta l-obbligi finanzjarji tal-konvenut fil-konfront ta` l-istess attrici.

Ra wkoll u gie kkunsiderat ukoll il-fatt illi l-konvenut naqas li jipprezenta provi in kontestazzjoni ghat-talba illi qed tavvanza l-attrici f`dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement

jikkundanna lil konvenut sabiex ihallasha s-somma kif mitluba ta` €3,494.06c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------